

Brussell, 15 ta' Novembru 2017
(OR. fr)

14092/1/17
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0106 (COD)

CODEC 1762
FRONT 460
VISA 419
COMIX 745

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fis-7 ta' April 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 77, il-paragrafu 2(b) TFUE²³⁴.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fil-21 ta' Settembru 2016⁵. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat.

¹ dok. 7675/16.

² F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

³ F'konformità mad-Deċiżjoni 2000/365/KE tal-Kunsill, ir-Renju Unit mhuwiex qed jiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

⁴ F'konformità mad-Deċiżjoni 2002/192/KE tal-Kunsill, l-Irlanda mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

⁵ ĠU C 487, 28.12.2016, p. 66.

3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fil-25 ta' Ottubru 2017. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁶.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 47/17;
 - jiddeċiedi li fil-minuti ta' din is-sessjoni jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-Addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁶ dok. 13557/17.